



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Novembru 2025
(OR. en)

13160/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0288(NLE)

LIMITE

PECHE 286

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja
tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni
tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Frar 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/418¹ dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook² (il-“Ftehim”). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2017.
- (2) Il-Protokoll preċedenti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim skada fis-16 ta' Diċembru 2024.
- (3) Fit-23 ta' Settembru 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Gvern tal-Gżejjer Cook għal protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar, fl-20 ta' Ġunju 2025, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032) (il-“Protokoll”).
- (4) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook, li jippermetti lill-Unjoni u lill-Gvern tal-Gżejjer Cook jaħdmu mill-qrib flimkien biex jipromwovu aktar l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook u fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali, u biex jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fl-industrija tas-sajd.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418 tat-28 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/418/oj>).

² ĠU L 131, 20.5.2016, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2016/776/oj.

- (5) Għaldaqstant il-Protokoll jenħtieġ li jiġi ffirmat.
- (6) Fid-dawl tal-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook u tal-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li matulu dawn l-attivitajiet jiġu interrotti, jenħtieġ li l-Protokoll japplika fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu.
- (7) Peress li l-Protokoll ikopri aktar minn sena finanzjarja waħda, l-impnġi baġitarji relatati jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali matul id-durata tal-Protokoll, f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u ta opinjoni fi ...⁵,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁵ Opinjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċċjali).

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032) (il-“Protokoll”) huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tat-tali Protokoll.

Artikolu 2

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, f'konformità mal-Artikolu 13 tiegħu, mid-data tal-iffirmar tiegħu, sakemm jitlestu l-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President